Nru. 17,758
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 25 ta' April, 2005
Monday, 25th April, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2005 NRU. VI ANNO DOMINI 2005 NO. VI

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-24 ta' April, 2005, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 24 ta' April, 2005.

B'Awtorità.

(Iff.) LAWRENCE GONZI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 24th day of April, 2005, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 24th day of April, 2005.

By Authority.

(Sd.) LAWRENCE GONZI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 405

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fl-24 ta' April, 2005, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Il-25 ta' April, 2005

Nru. 406

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħadd, l-24 ta' April, 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

L-24 ta' April, 2005
(OPM 1/2005)

Nru. 407

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ħadd, l-24 ta' April, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 406 ta' l-24 ta' April, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-24 ta' April, 2005
(OPM 1/2005)

GOVERNMENT NOTICES

No. 405

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 24th April, 2005, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

25th April, 2005

No. 406

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P., Minister of Education, Youth and Employment, assume the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Sunday, 24th April, 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

24th April, 2005

No. 407

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Sunday, 24th April, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 406 of the 24th April, 2005, ceased to have effect accordingly.

24th April, 2005

Nru. 408

ATT XXI TA' L-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TA' l-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKOND id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV ta' l-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat ma' l-istess Gazzetta, skond l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-25 ta' April, 2005

No. 408

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of subsection (1) of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

25th April, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

852

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Marzu 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-liġi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurata tagħhom Joanne Chetcuti u l-istess Joanne Chetcuti f'isimha proprju ta' 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex ippreżentaw Talba fil-11 ta' Ġunju 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christine Marie Spasojevic ta' 163, Flat 1, Triq l-Għasel, il-Mellieħa u b'digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Ottubru 2004 ġie nominat Dott. Leslie Cuschieri, LL.D., bħala deputat kuratur u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2005 it-Tribunal irrevoka 'contrario imperio' in-nomina ta' l-Avukat Dott. Leslie Cuschieri, LL.D., bħala kuratur ta' Christine Marie Spasojevic tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tnejn u disgħin lira Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm192.57) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi rigward inċident awtomobilistiku li ġara fil-25 ta' April 2003 fil-Gżira.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 1221/04PBC) hija differita għall-5 ta' Mejju 2005 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 17th March 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Atlas Insurance Limited as subrogated by law and by policy in the rights of the assured Joanne Chetcuti and the same Joanne Chetcuti in her own name of 50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, filed a Claim on the 11th June 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Christine Marie Spasojevic of 163, Flat 1, Triq l-Għasel, Mellieħa and by a decree of the said Tribunal of the 25th October 2004 Dr Leslie Cuschieri, LL.D., was nominated as Deputy Curator and by a decree of the 5th January 2005 the Tribunal revoked contrario imperio the nomination of Dr Leslie Cushieri, LL.D., as curator of Christine Marie Spasojevic to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ninety two Maltese liri and fifty seven cents (Lm192.57) which amount is due to the plaintiff company in connection with an accident which happened on the 25th April 2003 in Gżira.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1221/04PBC) is put off for the 5th May 2005 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st April 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

853

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 544/04, fl-ismijiet APS Bank Limited vs Multichem International Ltd et, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimati Multichem International Ltd u Pierre Calleja bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 18 ta' Frar 2004

Lil: 1. Multichem International Ltd (Debitur Prinċipali)
(C 19775)
Ta' 184 B
Indrì Grima Street,
Swatar l/o Msida.

2. Pierre Calleja (ID 60668M) (Garanti Solidali)
Ta' 184 B
Indrì Grima Street,
Swatar l/o Msida.

3. Josephine Vella (ID 212253M) (Garanti Solidali)
Block 6, Flat 7,
St. George's Housing Project,
Pembroke.

Il-mittenti APS Bank Ltd. ta' APS House, St. Anne Square, Floriana jinterpellakom sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata minn notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallsu s-somma ta' disat elef ħames mija u ħamsa u ħamsin Lira u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm9,555.76) dovuta kwantu għas-somma ta' Lm9,316.75 bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Overdraft Account' numru 11428730016 u kwantu għas-somma ta' Lm239.01 bħala bilanċ ta' debitu ta' kont kurrenti numru 200000138143.

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi ppreżentata ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum. 21 ta' April 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court in the records of the judicial letter number 544/04, in the names APS Bank Limited vs Multichem International Ltd et, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondents Multichem International Ltd and Pierre Calleja , by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 18th February 2004

To: 1. Multichem International Ltd (Principal Debtor)
(C 19775)
Of 184 B
Indrì Grima Street,
Swatar l/o Msida.

2. Pierre Calleja (ID 60668M) (Surety in Solidum)
Of 184 B
Indrì Grima Street,
Swatar l/o Msida.

3.Josephine Vella (ID 212253M) (Surety in Solidum)
Block 6, Flat 7,
St. George's Housing Prroject,
Pembroke.

The interpellant APS Bank Ltd. of APS House, St. Anne Square, Floriana calls upon you so that within fifteen days from the service of this judicial letter you pay the sum of nine thousand five hundred and fifty five Liri and seventy six cents (Lm9,555.76) due as for the sum of Lm9,316.75 as balance of debt of 'Overdraft Account' number 11428730016 and as for the sum of Lm239.01 as balance of debt of current account number 200000138143.

Failing which further steps according to law will be taken.

With costs and with further interest from the 31st December 2003.

This judicial letter is being filed in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today, 21stApril 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*